Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Lulju 2001

li temenda d-Deċiżjonijiet 92/160/KEE u 97/10/KE fir-rigward tar-reġjonalizzazzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/334/KE dwar il-miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' żwiemel reġistrati li ġejjin mill-Afrika ta' Isfel

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(2001) 2367)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/622/KE)

(ĠU L 216, 10.8.2001, p. 26)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/698/KE tat-8 ta' Awwissu 2008	L 235	16	2.9.2008

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Lulju 2001

li temenda d-Deċiżjonijiet 92/160/KEE u 97/10/KE fir-rigward tar-reġjonalizzazzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/334/KE dwar il-miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' żwiemel reġistrati li ġejjin mill-Afrika ta' Isfel

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(2001) 2367)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/622/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *equidae* ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/298/KEE ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 13(2)(a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([3]), kif l-aħħar emendati bid-Direttiva 96/43/KE ([4]), u b'mod partikolari Artikolu 18 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2000/619/KE ([6]), tistabbilixxi r-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi għall-importazzjoni ta' *equidae*.

(2) Il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati mill-Afrika ta' Isfel ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/10/KE ([7]), li stabbiliet ukoll ir-reġjonalizzazzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel.

(3) Wara n-notifika ta' l-ittfaċċjar tal-marda taż-żwiemel Afrikani fil-Provinċja tal-Kap tal-Punent ta' l-Afrika ta' Isfel f'Mejju 1999, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 1999/334/KE tas-7 ta' Mejju 1999 li tistabbilixxi miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' żwiemel reġistrati li jkunu ġejjin mill-Afrika ta' Isfel ([8]).

(4) L-Afrika ta' Isfel ma rreġistrat l-ebda każ tal-marda taż-żwiemel Afrikani fiż-żona ħielsa mill-marda taż-żwiemel Afrikani f'Cape Town metropolitana jew fiż-żona ta' sorveljanza ta' madwar iż-żona ħielsa għal aktar minn sentejn.

(5) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Afrika ta' Isfel ipprovdew lill-Kummissjoni b'rapport finali komprensiv dwar it-tifqigħa fl-1999 u l-miżuri mwettqa hemmhekk minn dak iż-żmien. Is-sejbiet ewlenija f'dan ir-rapport ġew ippreżentati wkoll waqt il-laqgħa annwali tal-laboratorji nazzjonali ta' referenza dwar il-mard taż-żwiemel Afrikani, f'Algete, Spanja, f'Novembru 2000.

([1]) ĠU L 224, tat-18.08.90, p. 42.
([2]) ĠU L 102, tat-12.04.01, p. 63.
([3]) ĠU L 268, ta' l-24.09.91, p. 56.
([4]) ĠU L 162, ta' l-1.07.96, p. 1.
([5]) ĠU L 71, tat-18.03.92, p. 24.
([6]) ĠU L 215, tad-9.08.01, p. 55.
([7]) ĠU L 3, tas-7.01.97, p. 9.
([8]) ĠU L 126, ta' l-20.05.99, p. 19.

▼B

(6) Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Afrika ta' Isfel talbu modifika tar-reġjonalizzazzjoni f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità u l-*istandards* ta' l-Office Internationale des Epizootics (OIE).

(7) Sabiex titħalla l-importazzjoni ta' żwiemel irreġistrati mill-Afrika ta' Isfel huwa meħtieġ li tiġi aġġustata r-reġjonalizzazzjoni għall-importazzjoni ta' *equidae* billi jiġi mmodifikat l-Anness għad-Deċiżjoni 92/160/KEE, li jiġu modifikati l-fruntieri ta' sorveljanza u ż-żoni ta' protezzjoni deskritti fl-Anness għad-Deċiżjoni 97/10/KE, u li tiġi revokata d-Deċiżjoni 1999/334/KE.

(8) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza lejn l-Afrika ta' Isfel fl-Anness għad-Deċiżjoni 92/160/KEE hija sostitwita b'li ġej:

"L-Afrika ta' Isfel ([3])

Iż-żona metropolitana ta' Cape Town hija delinejata kif ġej:

Fruntiera tat-Tramuntana:	Triq Blaauwberg (M14)
Fruntiera tal-Lvant:	Triq Koeberg (M14), Triq Plattekloof (M14), il-*Highway*N7, il-*Highway* N1 u l-*Highway* M5;
Fruntiera ta' Nofs-in-nhar:	Triq Ottery, Prince George Drive, Triq Wetton, TriqRiverstone, Triq Tennant, Newlands Drive, TriqParadise, Union Drive, Rhodes Drive sa l-istazzjon tal-Forestrija ta' Newlands u matul l-Echo Gorge ta' Table-Mountain sa Camps Bay;
Fruntiera tal-Punent:	Il-linja tal-kosta minn Camps Bay sa Triq Blaauwberg."

▼M1

_____

▼B

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 1999/334/KE hija revokata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

▼M1

_____